Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,158, 2 ta' April, 2019

Taqsima B

A.L. 54 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate in Sport Administration and Management taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate in Sport Administration and Management taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Sport Administration and Management;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għas-Certificate in Sport Administration and Management; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2004 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2019 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università.

(2) L-applikanti huma meħtieġa wkoll li ma jkollhomx anqas minn 18-il sena fi żmien 3 xhur kalendarji mill-bidu tal-Kors.

(3) L-applikanti li jidħlu bħala "Studenti Adulti" skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandu jkollhom il-kwalifiki u l-esperjenza li jissodisfaw lill-bord tal-intervisti, permezz ta' intervista, li huma kisbu il-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt. Flimkien ma' l-applikazzjoni tagħhom dawn l-applikanti huma meħtieġa jissottomettu ittra miktuba bl-Ingliż fejn jagħtu l-motivazzjoni tagħhom biex jidħlu fil-Kors u kopja tal-*Curriculum Vitae* tagħhom.

(4) L-applikanti li jidħlu skont il-paragrafu (3) ta' dan l-ordinament għandhom ikunu għaddew f'test ta' proficjenza fil-Lingwa Ingliża kif approvat mill-Università qabel ma jidħlu fil-Kors, iżda l-applikanti li jkunu għaddew fil-Lingwa Ingliża fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 3 jew ogħla jew ikunu għaddew fl-istess livell fi kwalifika komparabbli, għandhom ikunu eżentati milli joqogħdu għat-test ta' proficjenza.

(5) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul għall-anqas minn tliet membri.

(6) L-applikanti kollha għandhom jipproduċu ċertifikazzjoni rigward l-involviment preċedenti jew attwali tagħhom fl-Edukazzjoni Fiżika u/jew Sport.

(7) L-applikanti li japplikaw mingħajr il-kwalifiki mitluba u msemmija hawn fuq ma jitħallewx joqogħdu għall-valutazzjoni tat-taqsimiet studju u għandhom jingħataw ċertifikat ta' attendenza, sakemm li jkunu attendew mill-anqas 80% tal-lectures.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' żewġ semestri fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. Il-Programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 30 krettu ECTS.

6. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord bl-approvazzjoni tas-Senat jista' jkun kostrett li jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju għall-Kors.

7. Il-programm ta' studju jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel ili-bidu tal-Kors.

Ir-Riżultat tar-Rikonoxximent

8. (1) Iċ-Ċertifikat jingħata lill-istudenti li jiksbu l-kretti kollha indikati fil-fl-ordinament 5.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.